Minuti tal-laqgħa numru tlieta u erbgħin (43) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru 2021 fis-18:00 fil-Bini Amministrattiv, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku* |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku* |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier* |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier* |
| | Is-Sra Janice Busuttil | Kunsillier* |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |

43.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba u Apoloġiji

Il-kunsillieri qalu t-talba tal-bidu u l-laqgħa bdiet bil-kunsillieri murija b'*. Is-SE qal li ma rċieva l-ebda' notifika uffiċjali ta' talbiet għal apoloġija. Madankollu fil-laqgħa induna li kienu daħlulu żewġ messaġġi fuq it-telefon ċellulari fejn il-kunsillieri is-Sur Ian Vassallo u s-Sra Doris Coleiro talbu li jkunu skużati. Il-kunsillieri preżenti qablu li jkunu skużati.

43.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tnejn u erbgħin (42)**

Minuti

Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu mittieħda bħala moqrija għaliex kienu mgħoddija mal-Agenda, ħamest ijiem ta' xogħol qabel id-data.
Is-Sur Nazju Cassar daħal fil-laqgħa fis-18:25 u talab illi fil-minuti jiddaħħal il-ħin li kien ħareġ mil-laqgħa preċedenti. Din ittieħdet bħala korrezzjoni u l-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sindku u ssekondati mis-Sur Chris Farrugia u approvati unanimament. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-Segretarju, is-Sur Anthony Bonello ffirmawhom.

**Punti mill-Minuti**

Żabra tas-siġar

Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar ix-xogħol ta' żabra li qal li kellu jsir fuq is-siġar tal-Virtú fi Triq Godwin Ganado, tal-ġnien ta' Għar Barka u ta' taħt it-Telgħa tas-Saqqajja. Se tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan.

43.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsillieri illi l-applikazzjoni dwar il-manutenzjoni fuq proġetti maġġuri mwettqa mill-Gvern Ċentrali ddaħħlet għand id-Dipartiment Gvern Lokali. Hu qal illi minkejja li kif issemma mil-Kunsillier, is-Sur Rudolf Grima, aktar tard meta daħal għal-laqgħa, illi anke l-proġett taz-zuntier fih l-uplighters, il-kuntrattur tagħna baqa' jisħaq illi dawk fi Vjal Santi Wistin għandhom jiġu eliminati għax joħolqu diversi sfidi bil-manutenzjoni kbira li jkunu jinħtieġu għaliex iġarrbu ħsarat kbar bil-penetrazzjoni tal-ilma tax-xita.

Proġett ta' Dwal fi Vjal Santu Wistin

43.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 330 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 49**

Ċedola tal-pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti kif ukoll il-Works/Purchase Order kienu approvati b'vot unanimu u ffirmati mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello, il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u l-kunsillier, is-Sur Chris Farrugia.

43.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

43.04.01 **Sigurtà waqt il-ħruġ u d-dħul tat-tfal fl-iskejjel mhux statali**

St Angela Kindergarten School

Il-kunsillier, is-Sra Janice Busuttil ressqet petizzjoni li minkejja li ma kienx hemm firem fuqha, ittieħdet bħala waħda ffirmata. Din tittratta l-Iskola tas-St Angela Kindergarten waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-iskola. Kien hemm diversi kunsiderazzjonijiet fosthom li din l-iskola għandha aktar minn bieb wieħed li minnu jistgħu jidħlu t-tfal.

F'dan il-waqt fis-18:45, daħal fil-laqgħa is-Sur Rudolph Grima.

Hawn issemmew illi jekk ikun hemm *staggered entry/exit times* fil-ħinijiet tad-dħul/ħruġ bejn is-Seminarju u s-St Angela School, tista' tissolva l-problema li tolqot lir-residenti ta' Triq San Vinċenz Ferreri, Triq Tal-Virtu u Triq Francesco Buhagiar.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi nistgħu insolvu l-problema billi jinxtraw tabelli jpetptu bid-dawl, biex jitpoġġew fi Triq Gorg Borg Olivier kantuniera ma' Triq San Vincenz Ferreri. Madankollu se jsir appuntament mal-Kap tal-Iskola, Ms Josanne Pace Schiavone u niddiskutu magħha u mhux nagħtu widen biss lill-ġenituri tat-tfal.

43.04.02 Is-Sur Rudolph Grima b'riferenza għall-minuti tas-seduta preċedenti qal illi hu rċieva telefonata mill-*Contract Manager*, is-Sur Raphael Carabatt u dan qallu illi mhux veru illi hu keċċa lil xi kennies mir-Rabat. Hu qal illi jekk tkeċċa xi ħadd kien il-kuntrattur li keċċih.

Is-Sur Raphael Carabott

Is-Sur Rudolph Grima qal illi hu mportanti illi kull darba li jkun hawn problemi bħal dawn hemm bżonn illi l-Kunsill jisma' lil kulħadd u mhux qanpiena waħda qabel ma tittieħed xi deċiżjoni. Il-kunsillieri qablu u qalu illi issa d-deċiżjoni diġa' ttieħdet u jinħtieġ illi dan jitħallas sal-aħħar t'Ottubru 2021 u jintemm ix-xogħol tiegħu.

43.05 **Talba għal kumpens fuq vettura li laqtet zokk ta' siġra fi Triq it-Tiġrija u ġarrbet ħsarat.**

Ħsarat fuq vettura

Il-kunsillieri kellhom kopja tad-dokumentazzjoni kollha dwar dan il-każ, tas-17 ta' Settembru inkluż ir-rapport tal-Pulizija li ddaħħal fil-21 ta' Settembru erbat ijiem wara li seħħ dan l-inċident. Is-Segretarju Eżekuttiv sab is-siġra li allegatament seħħ l-inċident fuqha bil-van minn fuq googlemap u esebija fuq l-iscreen il-kbir, u qal illi hu jaf iz-zona perfettament. Hu qal illi propju qabel mal-Gvern Ċentrali wessa' l-pont ta' Triq it-Tiġrija kantuniera ma' Wied l-Isqof biex minnu jgħaddu għall-ewwel darba fl-istess ħin żewġ vetturi f'direzzjoni opposta, ittieħdet art permezz li nqala' sies li hemm taħt il-ħajt tas-sejjiegħ biex għamlet wisgħa għat-triq. Dan is-sies itteħditlu parti minnu biex inkixfu anke l-għeruq ta' din is-siġra u sporġew iz-zkuk għal fuq it-triq. L-allegat inċident seħħ kif din il-vettura ħabtet mas-siġra u nkisrilha l-wind screen u l-mera. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi joħroġ il-kumpens minkejja li x-xogħlijiet u l-inizjattiva ma kienetx tiegħu.

43.06 **Programm għall-ġranet tal-Milied**

Programm tal-Milied

Dwar l-ikla tal-kunsillieri intqal illi rridu naraw fejn din se ssir. Is-Sur Nazju Cassar issuġġerixxa illi ssir fir-Rabat stess biex ma jkunx hemm ħafna traġitt u bħala suġġeriment qal illi jogħġbu ħafna l-ambjent f'Ta' Klariġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħaddiema xtaqu li din issir nhar is-17 ta' Diċembru u bħala post għadna rridu naraw fejn se ssir.

Il-programm tal-attivitajiet kollha li ser jorganizza l-Kunsill Lokali tar-Rabat ittella' fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill mis-Segretarju Eżekuttiv. Madankollu kien imfisser kif ġej.

Programm Dettaljat tal-Milied 2021

- Il-ftuħ tal-wirja tal-presepji li se tkun organizzata fil-kunvent ta' Ġieżu se jsir nhar l-4 ta' Diċembru,
- l-aħħar ġurnata li fiha se jintlaqgħu is-sottomissjonijiet għall-isbaħ faċċata tad-djar u dik tal-kartolina b'messaġġ mit-tfal se jkun is-7 ta' Diċembru, l-istess jum illi se jkun hemm fih uffiċjalment il-mixhela tal-Milied mis-Sindku fil-Pjazza tal-Parroċċa.
- L-armar tad-dekorazzjonijiet fit-toroq mexa ġmielu minkejja l-buffuri qawwija forza 10 ta' riħ li ħakimna ftit tal-jiem ilu li wettaq ħafna ħsarat.
- Fis-16 ta' Diċembru se jkun hemm it-trenn għat-tfal tal-Baħrija,
- fid-19 ta' Diċembru filgħodu se jkun hemm il-programm strumentali mil-Banda Konti Ruġġieru fil-Pjazza tal-Knisja,
- fil-21 ta' Diċembru se jkun hemm il-programm stumentali fil-Knisja ta' Ġieżu mil-Banda L'Isle Adam,
- fit-22 ta' Diċembru se jkun hemm it-trenn fir-Rabat u magħha se jkun hemm il-karattri tat-tfal mal-Father Christmas.

43.07 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapporti tas-Selection Board (Community Inclusive Employment Scheme – Office Assitant, Officer in Charge from Maintenance and Cleaning)**

Rapporti tas-Selection Boards

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat laqa' r-rapporti tas-*selection boards* ffurmati mill-ħaddiema tal-Kunsill u ddeċieda li ma jimpjega lil ħadd minn dawk intervistati. Fil-każ tal-uffiċjal tal-manutenzjoni u t-tindif is-*selection board* ma ntervista lil ħadd għaliex il-persuna li kien hemm interessata ma resqitx għall-intervista.

43.08 **Biex jinqalbu żewġ posti tal-monti minn fuq William Shead għal fuq Silvna Zammit Shead u minn fuq Mary Psaila għal fuq Miguel Psaila.**

Qlib ta' Hawkers tal-Monti minn ġenerazzjoni għall-oħra

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra u kkunsidra t-talbiet magħmula mill-avukati/nutara tal-partijiet rispettivi. Il-proposti intlaqgħu mil-kunsillieri preżenti u se nikkomunikaw magħhom din id-deċiżjoni.

43.09 **Prijorità tal-Isqaqien li se jiġu pavimentati biex titħejja stima mil-Perit u l-Kunsill japplika għad-Development Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar.**

Pavimentar

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello tkellmu fuq dan il-font imsejjaħ tal-Iżvilupp, tal-Awtorità tal-Ippjanar. Huma qalu illi kellhom laqgħa mal-Perit Charles Buhagiar dwar il-proposta illi jinksew mil-ġdid l-isqaqien speċjalment fiċ-ċentru tar-Rabat. Hawn kien stabbilit illi hawn taħlita ta' sqaqien ġodda li qatt ma nksew flimkien ma sqaqien oħrajn li kienu miksija bil-*crete print* u issa spiċċaw u qed jitmermru ftit ftit. Madankollu kien hemm qbil illi l-ewwel xogħlijiet ikunu fl-isqaqien ta' Triq il-Kulleġġ u dak ta' Triq  Antnin u wara jsegwu dawk fi Triq San Pawl u n-naħa tal-Knisja ta' Ġieżu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi meta jkun se jsir dan ix-xogħol wieħed irid jikkunsidra illi jgħaddu l-*wires* minn taħt l-art u nieħdu ħsieb ngħaddu fergħa għall-ilma biex ikun faċli li dawn l-isqaqien jinħaslu u jintużaw f'każ ta' ħruq aċċidentali ta' residenza biex ikun hemm sigurtà peress li *fire engine* ma tidħolx f'postijiet dojoq.

43.10 **Ir-Rapport Finanzjarju ta' Novembru 2021**

Punt mhux trattat

Dan l-item ma kienx trattat fl-agenda minħabba s-sospenzjoni li saret biex daħal jitkellem l-Arċipriet u l-Viċi Arċipriet fuq stedina li saritilhom mis-Sindku fit-20:20hr

43.11 **Punti Oħra**

43.11.01 Is-Sur Kris Grech talab li jestendu ruħhom il-bollards tal-plastic oranġjo fejn l-Għajn tan-Nigret biex il-vetturi jkunu ggwidati aħjar u jkun hemm titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku

Poles (bollards) Triq Tabija

43.11.02 Is-Sur Kris Grech talab tabella tal-*cul-de-sac* f'Wied il-Bużbież għax qed jidħlu f'sit vetturi pubbliċi u jinqabdu b'tali mod illi jkunu jridu jreġġgħu b'lura.

Cul De Sac f'Wied il-Bużbież

43.11.03 Is-Sur Kris Grech talab li ssir *car charging point* pubblika oħra fl-Għemieri għaliex din tkun qed tilħaq diversi familji oħra.

Charging point fl-Għemieri

43.11.04 Is-Sur Kris Grech talab li jsir it-tindif tal-wied tal-Fiddien u tal-Wied tal-Marġa.

Tindif tal-Widien

43.11.05 Is-Sur Nazju Cassar talab li jkun hemm spustjar tas-*sleeping policeman* li hemm tal-lastiku fi Triq San Vincenz Ferreri minħabba li qed toqgħod għadira ilma u kull meta tgħaddi vettura ttajjar l-ilma fuq il-bieb tal-*garage*, tant li ssaddilhom.

Spustjar ta' Sleeping policeman

43.11.06 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti talab li jinxtraw *dog bins* għall-Belveder ta' Għeriexem li għadu kemm kien inawgurat mill-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. F'dan il-punt intqal illi peress li m'hemmx, issa kulħadd qiegħed idaħħal il-kelb fl-Isqaq tal-Marċ biex il-kelb jaqdi d-doveri tiegħu.

Dog bins għal Għeriexem

43.11.07 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-ġurnata importanti tas-7 ta' Diċembru fejn se jkun hemm il-launch tal-GIFLUID fil-preżenza ta' delegazzjoni minn Sqallija/l-Italja. Dan il-proġett ta' porous pavements u rain gardens, se jkun qed jindirizza l-ilma li jaqa' fil-Ġnien tal-Pjazza ta' San Duminku.

*Launch GIFLUID*

43.12 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**

Aġġornament u data oħra

Il-laqgħa ntemmet malli kienet sospiża l-agenda fit-20:20 u l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jiltaqa' nhar il-5 ta' Jannar 2022 fl-istess ħin.

| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|
| Meħuda minn | Anthony Bonello u approvati llum 5.1.2021 minn | Sandro Craus |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sindku |